

Brussell, 9 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14555/22

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0364(NLE)**

---

---

**POLCOM 162  
WTO 208  
PECHE 447**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 582 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 582 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 582 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 9.11.2022  
COM(2022) 582 final

2022/0364 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta'  
Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Iċ-ċiklu ta' Doha ta' negozjati kummerċjali (imsejħa wkoll l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp jew "DDA") fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") tnedja fl-2001 u kopra sett wiesa' ta' kwistjonijiet inklużi s-sussidji tas-sajd, l-agrikoltura, il-prodotti industrijali, is-servizzi, is-sussidji industrijali, u kwistjonijiet ta' żvilupp. In-negozjati tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd ingħataw il-kompitu li jwettqu l-Mira 14.6 tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

Il-mira 14.6 tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU tistabbilixxi l-għan li jiġu pprojbiti ċerti forom ta' sussidji tas-sajd li jikkontribwixxu għal kapaċità żejda u sajd eċċessiv, u li jiġu eliminati s-sussidji li jikkontribwixxu għal sajd illegali, mhux regolat u mhux irrappurtat, u li ma jiġux introdotti sussidji ġodda bħal dawn, filwaqt li jiġi rikonoxxut li trattament speċjali u differenzjali xieraq u effettiv għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u daww l-anqas żviluppanti jenħteġ li jkun parti integrali min-negozjati tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd.

Fit-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO li saret fit-12–17 ta' Ġunju 2022 f'Ġinevra, intlaħaq kunsens dwar il-Ftehim dwar is-Sussidji tas-Sajd ("il-Ftehim"). It-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO adottat<sup>1</sup> il-Protokoll li Jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ billi ddaħħal il-Ftehim dwar is-Sussidji tas-Sajd, kif stabbilit fl-Anness ta' dak il-Protokoll, fil-Ftehim ta' Marrakesh wara l-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji.

Il-Ftehim huwa pass kruċjali biex jiġi żgurat li s-sussidji tas-sajd jużaw is-sostenibbiltà bħala l-objettiv ewlieni tagħhom u jevitaw ħsara lill-oċeani u l-istokkijiet tal-ħut li huma indispensabbli għall-għajxien tal-komunitajiet kostali madwar id-dinja. B'mod mingħajr preċedent, il-Membri kollha tad-WTO ffirmaw limitazzjonijiet sostanzjali fuq is-sussidjar ta' sajd mhux sostenibbli, b'mod partikolari:

- Projbizzjoni ta' sussidji għal sajd illegali, mhux regolat u mhux irrappurtat;
- Projbizzjoni ta' sussidji għas-sajd barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat kostali u barra mill-kompetenza ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO/A) rilevanti biex jiġu protetti l-aktar żoni vulnerabbli li ma għandhomx reġim stabbilit u kkoordinat ta' ġestjoni tas-sajd;
- Projbizzjoni ta' sussidji għas-sajd fir-rigward ta' stokkijiet mistada żżejjed bil-kundizzjoni ta' standards ta' sostenibbiltà biex tali stokkijiet jerġgħu jinbnew għal livell b'saħħtu;
- Dixxiplini rigward sussidji li jibbenefikaw bastimenti li ma jtajrux il-bandiera tal-Membri li qed jissussidja; u
- Dispożizzjonijiet estensivi dwar it-trasparenza u n-notifika għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

---

<sup>1</sup> WT/MIN(22)/33

Il-membri tad-WTO impenjaw ruħhom ukoll li jkomplu n-negozjati bbażati fuq il-kwistjonijiet pendenti fid-dokumenti WT/MIN (21)/W/5 u WT/MIN (22)/W/20 bil-ħsieb li jagħmlu rakkomandazzjonijiet lit-13-il Konferenza Ministerjali tad-WTO għal dispożizzjonijiet addizzjonali li jiksbu ftehim komprensiv dwar is-sussidji tas-sajd, inkluż permezz ta' aktar dixxiplini dwar ċerti forom ta' sussidji tas-sajd li jikkontribwixxu għal kapaċità żejda u sajd żejjed, filwaqt li jirrikonoxxu li trattament speċjali u differenzjali xieraq u effettiv għall-Membri mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-Membri mill-pajjiżi l-anqas żviluppati għandu jkun parti integrali minn dawn in-negozjati.

Il-Ftehim dwar is-Sussidji tas-Sajd se jidħol fis-seħħ għall-Membri tad-WTO li jkunu aċċettawh mal-aċċettazzjoni minn żewġ terzi tal-Membri tad-WTO. Din il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill għandha l-għan li tikkonkludi formalment il-Ftehim skont l-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) sabiex l-Unjoni tkun tista' tinnotifika l-aċċettazzjoni tagħha lid-WTO.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

In-negozjati twettqu f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali kif previst fl-Artikolu 218(3) tat-TFUE. Il-konklużjoni formali tan-negozjati mill-Kunsill hija waħda mill-passi meħtieġa skont l-Artikolu 218(6) tat-TFUE biex jingħata effett legali lill-eżitu nnegozjat.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim huwa konsistenti bis-sħiħ mal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Politika Kummerċjali Komuni, il-Politika Komuni tas-Sajd, ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat u l-politika dwar ix-xogħol deċenti.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-Ftehim għandu jiġi konkluż mill-Unjoni skont deċiżjoni tal-Kunsill ibbażata fuq l-Artikolu 218(6) tat-TFUE, wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax f'oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta biex jiġi konkluż il-Ftehim ma taqbiżx dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv li jittieħdu impenji addizzjonali skont il-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ f'isem l-Unjoni Ewropea.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill hija ppreżentata skont l-Artikolu 218(6) tat-TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-konklużjoni tal-ftehim. Dan huwa l-uniku strument legali disponibbli biex jintlaħaq l-objettiv espress f'din il-proposta.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-ftehimiet mhumiex suġġetti għall-proċeduri tar-REFIT.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Mhuwix mistenni li l-ftehim ikollu impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE.

### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-aċċettazzjoni tal-Protokoll mill-Unjoni tippermetti l-inkorporazzjoni tal-Ftehim fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-punt v) tal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li [kkunsidra l-proposta/kkunsidraw il-proposta] tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>2</sup>,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija Membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (“WTO”) li nediet ir-Rawnd ta’ Doha ta’ negozjati kummerċjali, magħruf bħala l-Aġenda ta’ Doha għall-Iżvilupp f’Novembru 2001. In-negozjati tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd ingħataw il-kompitu li jwettqu l-Mira 14.6 tal-Għan ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (2) Il-Kummissjoni nnegozjat ma’ Membri oħra b’konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 207(3) tat-Trattat.
- (3) In-negozjati ġew konklużi fit-12-il Konferenza Ministerjali fis-17 ta’ Ġunju 2022. Il-Konferenza Ministerjali tad-WTO adottat<sup>3</sup> il-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta’ Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (“il-Protokoll”) u ddikjaratu miftuħ għall-aċċettazzjoni mill-Membri tad-WTO.
- (4) Il-Protokoll jinkludi l-Ftehim dwar is-Sussidji tas-Sajd fl-Anness tiegħu, li se jiddaħħal fl-Anness 1A tal-Ftehim ta’ Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ mad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll.
- (5) Il-Protokoll għandu jiġi konkluż f’isem l-Unjoni,

---

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

<sup>3</sup> WT/MIN(22)/33

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll li Jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ huwa b'dan konkluż f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, l-istrument ta' aċċettazzjoni, kif speċifikat fil-paragrafi 3 u 5 tal-Protokoll sabiex jesprimu l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Protokoll<sup>4</sup>.

*Artikolu 3*

Dan il-Protokoll ma għandux jiġi interpretat bħala li jagħti xi drittijiet jew jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament fil-qrati tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha u għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

<sup>4</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll se tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.